Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*15 ta' Novembru, 2010*

130/2010

**KOMUNIKAT TAL-ARĊIDJOCESI TA' MALTA**

L-Arċidjocesi ta' Malta tingħaqad mad-Djoċesi ta' Għawdex fis-sogħba għat-telfa ta' l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi li mar fid-dar tal-Missier kmieni dalgħodu. Nagħrfu l-ġid pastorali li wettaq għall-poplu ta' Alla f'Għawdex u mit-tagħlim li huwa xandar gawdew bil-kbir il-Maltin u l-Għawdxin kollha. Għalhekk Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona O.P. jixtieq iwassal sentimenti ta' fidi u sogħba lill-Monsinjur Isqof Mario Grech u lill-membri kollha tal-poplu ta' Alla f'Għawdex, u fl-istess ħin jistieden lill-membri tal-kleru, reliġjuzi u lajċi f'Malta biex joffru talb b'suffraġju ta' Monsinjur Isqof Cauchi.

Kurja tal-Arċisqof, Pjazza San Kalċedonju, Floriana, FRN 1535, Malta. Tel. (356) 21241281. Url: www.maltadiocese.org